

Dikjarazzjoni mill-Kunsill Ewropew (Art. 50) dwar in-notifika mir-Renju Unit



Dikjarazzjoni mill-Kunsill Ewropew ¹

Illum, il-Kunsill Ewropew irċieva ittra mingħand il-Prim Ministru Brittaniku, Theresa May, li tinnotifika l-intenzjoni tar-Renju Unit li jħalli l-Unjoni Ewropea. Din in-notifika ssegwi r-referendum tat-23 ta' Ġunju 2016 u tibda l-proċess ta' f'ruġ skont l-Artikolu 50 tat-Trattat. Jiddispijja li r-Renju Unit ser iħalli l-Unjoni Ewropea, iżda aħna lesti għall-proċess li issa ser ikollna nsegu.

Għall-Unjoni Ewropea, l-ewwel pass issa ser ikun l-adozzjoni mill-Kunsill Ewropew ta' linji gwida għan-negojati. Dawn il-linji gwida ser jistabbilixxu l-pożizzjonijiet u l-prinċipji ġenerali li fid-dawl tagħhom l-Unjoni, irrappreżentata mill-Kummissjoni Ewropea, ser tinneogħja mar-Renju Unit.

F'dawn in-negojati l-Unjoni ser tagħxi bħala entità waħda u ser tippreserva l-interessi tagħha. L-ewwel prijorità tagħna ser tkun li tiġi minimizzata l-inċertezza kkawżata mid-deċiżjoni tar-Renju Unit għaċ-ċittadini, in-negojati u l-Istati Membri tagħna. Għalhekk, aħna ser nibdew billi niffukaw fuq l-arranġamenti prinċipali kollha għal f'ruġ ordnat.

Aħna ser nersqu għal dawn it-taħditiet b'mod kostruttiv u ser nagħmlu ħilitna biex insibu ftehim. Fil-futur, nittamaw li jkollna lir-Renju Unit bħala sieħeb qrib tagħna.

Il-President Tusk sejjaħ laqgħa tal-Kunsill Ewropew fid-29 ta' April 2017.

¹ Wara n-notifika skont l-Artikolu 50 TUE, il-membri tal-Kunsill Ewropew li jirrappreżenta l-Istat Membru li jkun ħiereġ ma għandux jipparteċipa fid-diskussjonijiet tal-Kunsill Ewropew jew f'deċiżjonijiet li jkunu jikkonċernawh.

- [L-ittra ta' notifika tal-Artikolu 50 mir-Renju Unit](#)

Press office - General Secretariat of the Council of the EU

Rue de la Loi 175 - B-1048 BRUSSELS - Tel.: +32 (0)2 281 6319

press@consilium.europa.eu - www.consilium.europa.eu/press